**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 21 ta' Frar, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 549/2019**

***MARE BLU TUNA FARM LIMITED***

***VS.***

***DIRETTUR ĠENERALI DIPARTIMENT TAS-SAJD U AKKWAKULTURA***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha tal-kumpannija rikorrenti u dwar l-eċċezzjonijiet kollha li fadal tad-Direttur Ġenerali konvenut, wara s-sentenza preliminari mogħtija minn din il-qorti, b'Imħallef differenti, fil-25 ta' Marzu, 2021;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fl-**4 ta' Ġunju, 2019**, il-kumpannija rikorrenti fissret li fuq talba tad-Direttur Ġenerali konvenut hija kienet provdiet garanzija bankarja fl-ammont ta' €150,000 bħala rabta li hija kienet sejra tħares mal-liġijiet u r-regolamenti tas-sajd li għandhom x'jaqsmu mal-ammont massimu ta' tonn li hija

setgħet iżżomm f'ġaġeg.  Il-kumpannija rikorrenti żżid tgħid li b'ittra tal-15 ta' Frar, 2019, id-Direttur Ġenerali konvenut għarrafha li huwa kien ħa jiġbed il-garanzija bankarja għaliex sab li seħħ ksur tal-liġijiet tas-sajd. Min-naħa tagħha, hija kienet talbet lid-Direttur Ġenerali, b'ittra tad-19 ta' Frar, 2019, sabiex jispjegalha liema liġi ġiet miksura. L-affarijiet però baqgħu l-istess;

3. Il-kumpannija rikorrenti tgħid li hija bagħtet ittra uffiċjali fl-20 ta' Mejju, 2019, fejn talbet lid-Direttur Ġenerali konvenut biex iroddilha lura l-€150,000 iżda d-Direttur Ġenerali weġibha lura b'ittra uffiċjali oħra li ma riedx jaf;

4. Fil-fehma tal-kumpannija rikorrenti, din l-imġieba tad-Direttur Ġenerali kienet waħda *ultra vires* skont l-**artikolu 469A(1)(b)(ii)** u **(iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex huwa naqas milli jħares il-prinċipji tal-ġustizzja naturali u sejjes id-deċiżjoni tiegħu fuq għanijiet mhux xierqa jew konsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Minħabba f'hekk, il-kumpannija rikorrenti fetħet din il-kawża u talbet lil din il-qorti sabiex:

> «*1. Tiddikjara li r-rikorrenti ma kisru l-ebda liġi inter alia tal-Art. 39(1) Reg. (EU) 1005/2008, Art. 58(1) tar-Reg. (EU) 1224/2009 u Art. 29(2) tal-Kap. 425 tal-Liġijiet ta' Malta;*
>
> *2. Tiddikjara li l-intimat abbużivament u mingħajr raġuni valida ġibed il-garanzija bankarja tar-rikorrenti;*
>
> *3. Tiddikjara li l-intimat għandu iħallas lir-rikorrenti l-ammont tal-garanzija bankarja jew somma verjuri;*
>
> *4. Tillikwida, okkorrendo bil-ħatra ta' perit nominandi, l-ammont li għandu jitħallas lir-rikorrenti;*
>
> *5. Tiddikjara li l-intimat ikkawża danni lir-rikorrenti minħabba l-aġir abbużiv tiegħu;*
>
> *6. Tillikwida l-ammont ta' danni kkawżati lir-rikorrenti, okkorrendo bil-ħatra ta' perit nominandi;*

*7. Tikkundanna li l-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti l-ammont tal-garanzija bankarja jew somma verjuri;*

*8. Tikkundanna li l-intimati jew min minnhom iħallsu lir-rikorrenti d-danni likwidati;*

*Bl-ispejjeż kif ukoll l-imgħax kontra l-intimat, li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.»*

5. Id-Direttur Ġenerali konvenut ippreżenta risposta maħlufa fit-**<u>28 ta' Ġunju, 2019</u>** u fiha ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Illi in linea preliminari l-esponent jeċċepixxi l-inapplikabilità tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress illi l-att in kwistjoni ma jikkostitwixxix 'egħmil amministrattiv' kif definit fl-Artikolu 469A stess. Isegwi għalhekk li l-validità o meno tal-aġir illi qegħdha* [sic] *tilmenta minnu s-soċjetà rikorrenti ma jistax jiġi mistħarreġ taħt l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu ai termini tal-Artikolu 158(3)(ċ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jiġi dikjarat illi l-fatti dikjarati mis-soċjeta rikorrenti qegħdin jiġu kkontestati u jeħtieġ illi jiġu pruvati;*

*3. Illi l-esponenti jeċċepixxu illi l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tas-soċjeta rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*4. Illi l-garanzija bankarja in kwistjoni kienet intiża sabiex tkopri il-perjodu illi jibda minn meta t-tonn in kwistjoni jiddaħħal fil-gaġġa sal-mument li jiġi harvested jew sal-15 ta' Frar 2019 skont liema data kienet tiġi l-aħħar. Fir-rigward ta' dan il-perjodu kollu, is-soċjetà rikorrenti aċċettat li l-esponent jirtira l-garanzija bankarja f'każ li jirriżulta illi is-soċjetà rikorrenti naqset milli tosserva il-liġijiet u r-regolamenti relatati mas-Sajd kollha viġenti;*

*5. Illi l-esponent jeċċepixxi illi a kuntrarju ta' dak allegat fir-rikors in risposta, l-operat tas-soċjetà rikorrenti ma kienx in linea mal-liġijiet u regolamenti applikabbli u dan kif ġie spjegat lis-soċjetà rikorrenti mill-esponent fl-ittra tiegħu tal-15 ta' Frar 2019 u kien għalhekk li l-garanzija bankarja ġiet irtirata mill-esponent;*

*6. Illi l-esponent kien informa lis-soċjetà rikorrenti bin-nuqqasijiet illi hi kellha fir-rigward u ta spjegazzjoni dettaljata biżżejjed tar-raġunijiet għalfejn l-imsemmija garanzija bankarja ġiet irtirata;*

*7. Illi in kwantu r-rimedju imfittex mis-soċjetà rikorrenti, l-esponent jeċċepixxi illi din il-Qorti ma tistax tagħti r-rimedju mfittex minnha u dan peress illi f'kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju il-Qorti hija prekluża milli tieħu deċiżjoni minflok l-Awtorità kompetenti iżda s-setgħa tagħha hija limitata biex jekk ikun il-każ tordna li tħassar id-deċiżjoni in kwistjoni u tibgħat kollox biex jerġa' jiġi deċiż mill-ġdid mill-awtorità kompetenti, f'dan il-każ l-esponent, biex jagħti deċiżjoni tagħha fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha rilevanti;*

*8. Illi fi kwalunkwe każ, l-esponent jeċċepixxi wkoll illi ċertament li hu ma aġixxiex in malafede jew b'mod mhux raġjonevoli u għaldaqstant ai termini tal-Artikolu 469A(5) l-esponent ma jwieġeb għall-ebda danni;*

*9. Illi fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent jeċċepixxi illi s-soċjetà rikorrenti trid tressaq prova tad-danni li sofrew, u kif ukoll tipprova n-ness meħtieġ bejn l-azzjonijiet tal-esponent u d-danni li qegħdha* [sic] *titlob is-soċjetà rikorrenti;*

*10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

6. B'sentenza mogħtija fil-**<u>25 ta' Marzu, 2021</u>** (ara paġni 147 sa 152 tal-atti), din il-qorti b'Imħallef differenti, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tad-Direttur Ġenerali konvenut għaliex qieset li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali konvenut fejn ġibed il-garanzija bankarja taqa' fit-tifsira ta' għemil amministrattiv u għalhekk tali deċiżjoni setgħet tiġi mistħarrġa mil-lenti tal-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

7. Wara din is-sentenza, il-kumpanniji rikorrenti fil-**<u>5 ta' Lulju, 2021</u>** ressqet nota (ara paġna 171 tal-atti), li permezz tagħha hija ddikjarat li l-prinċipji ta' ġustizzja naturali, li skont hi ma ġewx imħarsa mid-Direttur Ġenerali, huma dawk tal-*audi alteram partem* u tan-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjoni wara l-ġbid tal-

garanzija bankarja;

8. Il-partijiet ressqu n-noti ta' osservazzjonijiet tagħhom fis-6 ta' Jannar, 2022 (ara paġni 187 sa 192 tal-atti) u fl-14 ta' Jannar, 2022 (ara paġni 176 sa 185 tal-atti);

***Fatti***

9. Il-kumpannija rikorrenti taħdem fil-qasam tat-trobbija tal-ħut jew tal-pixxikultura. B'mod partikolari hija trabbi t-tonn bil-pinen blu;

10. B'żewġ kuntratti ffirmati fl-**1 ta' Ġunju, 2017**, id-Direttur Ġenerali konvenut ta l-permess tiegħu lill-kumpannija rikorrenti sabiex din tkun tista' żżomm żewġ irziezet tal-ħut, f'żona tal-baħar li tinsab xi 6 kilometri 'l barra mix-xatt ta' Xrobb l-Għaġin, fl-inħawi ta' Marsaxlokk (ara paġni 158 sa 165). Skont dawn iż-żewġ kuntratti li kienu jiswew għal ħames snin sal-1 ta' Ġunju, 2022, il-kumpannija rikorrenti ma setgħetx iżżomm aktar minn 1,500 tunnellata ta' ħut f'kull razzett;

11. Fl-**20 ta' Ġunju, 2018**, id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura għarraf lill-operaturi tal-irziezet tal-ħut li skont ir-**Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/120**, għas-sena 2018 ma setgħux jinżammu f'irziezet tal-ħut f'Malta, aktar minn 8,768 tunnellata ta' tonn bil-pinen blu (ara paġna 166 tal-atti);

12. Minħabba dan ir-regolament Ewropew, id-Direttur Ġenerali konvenut b'deċiżjoni mogħtija fid-**9 ta' Lulju, 2018** (ara paġna 168 tal-atti), għarraf lill-kumpannija rikorrenti li hija ma setgħetx iżżomm aktar minn 2138.53 tunnellata ta' tonn fiż-żewġ irziezet tagħha;

13. Billi kien hemm xi operaturi oħra tal-irziezet tal-ħut li aċċettaw li jżommu inqas ħut minn dak allokat lilhom, id-Dipartiment aċċetta b'ittra elettronika tat-**23 ta' Lulju,**

**<u>2018</u>** li jerġa' jħalli lill-kumpannija attriċi żżomm b'kollox 3000 tunnellata tonn fiż-żewġ irziezet tagħha (ara paġna 169 tal-atti);

14. Ġara issa, li b'ittra formali tat-**<u>13 ta' Awwissu, 2018</u>** (ara paġni 6 sa 7 tal-atti), id-Direttur Ġenerali konvenut għarraf lill-kumpannija rikorrenti illi biex hija tkun tista' tgawdi mill-allokazzjoni żejda ta' 506.54 tunnellata fuq l-allokazzjoni ta' 2138.53, li ġew rinunzjati mill-operaturi oħra tal-irziezet tal-ħut, hija kellha tipprovdi garanzija bankarja fis-somma ta' €150,000;

15. Din il-garanzija kellha tkun valida għal żmien ta' sitt xhur mill-15 ta' Awwissu, 2018 jew valida sad-data li dan l-ammont ta' tonn jiġi maħsud, liema minnhom jiġi l-aħħar. Fl-istess ittra, id-Direttur Ġenerali konvenut wissa lill-kumpannija rikorrenti li huwa seta' jiġbed din il-garanzija bħala danni likwidati minn qabel, jekk kemm-il darba jinstab li hija naqset milli tħares il-liġijiet u r-regolamenti tas-sajd dwar it-tonn bil-pinen blu;

16. Dakinhar stess, il-Bank of Valletta p.l.c. fuq talba tal-kumpannija rikorrenti ħareġ il-garanzija bankarja fl-ammont ta' €150,000 favur id-Direttur Ġenerali konvenut, «*in respect of the agreed pre-liquidated damages in the event that the Fisheries laws or regulations are not observed in relation to Caging of 506.54 Tonnes of Bluefin Tuna from the unused EU Farming Capacity during 2018 Tuna Campaign*» (ara paġna 8 tal-atti). Din il-garanzija bankarja kienet valida sal-15 ta' Frar, 2019;

17. Fil-jum li kellha tiskadi l-garanzija bankarja, jiġifieri fil-**<u>15 ta' Frar, 2019</u>**, l-Aġent Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura għarraf lill-kumpannija rikorrenti li huwa kien qiegħed jiġbed il-garanzija bankarja għaliex instab li hija kissret id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 1005/2008**, tal-**artikolu 58(1) tar-Regolament (UE) 1224/2009** u tal-**artikolu 29(2) tal-Kap. 425 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara paġna 9 tal-atti);

18. Fid-**<u>19 ta' Frar, 2019</u>**, il-kumpannija rikorrenti kitbet ittra lill-Aġent Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura biex jispjega eżatt f'hiex kien jikkonsisti dan il-ksur tal-liġi li huwa kien qed jgħid li sab (ara paġni 10 u 11). Fl-atti tal-kawża ma jirriżultax li din l-ittra ġiet imwieġba;

19. Intbagħtet ittra uffiċjali lid-Direttur Ġenerali konvenut fid-**<u>9 ta' Mejju, 2019</u>** biex huwa jrodd lura l-€150,000 li ġibed mill-garanzija bankarja (ara paġna 12 tal-atti), iżda d-Direttur Ġenerali konvenut weġibha lura fl-**<u>20 ta' Mejju, 2019</u>**, li din it-talba tagħha ma kinitx qiegħda tiġi aċċettata (ara paġna 13 tal-atti);

20. Fl-**<u>4 ta' Ġunju, 2019</u>** imbagħad saret din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

21. Il-kawża tal-lum hija waħda li saret biex tattakka d-deċiżjoni tal-ġbid tal-garanzija bankarja meħuda mill-Aġent Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura fil-15 ta' Frar, 2019. F'dan is-sens għalhekk il-qorti taqbel mas-sottomissjonijiet miktuba tad-Direttur Ġenerali konvenut, fejn jgħid li l-kawża tal-lum ma tolqotx ir-raġuni għaliex ġiet imposta l-garanzija bankarja iżda tolqot id-deċiżjoni tal-ġbid tagħha;

22. Issa kif miżmum fis-sentenza preliminari mogħtija minn din il-qorti fil-25 ta' Marzu, 2021, din id-deċiżjoni ġiet meqjusa li taqa' fit-tifsira ta' għemil amministrattiv, kif misjuba u mifhuma fl-**artikolu 469A(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

23. Azzjoni taħt l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** hija maħsuba biex tagħti rimedju lill-individwu dwar l-imġieba ta' awtorità pubblika fil-konfront tiegħu (ara *inter alia* ***Lawrence Borg nomine v. Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta***

deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-1 ta' Marzu, 2004 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 2007 u ***Carmelo sive Charles Dingli et v. Kontrollur tad-Dwana et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Marzu, 2009);

24. Intqal fis-sentenza ***Joseph Muscat et v. Chairman Awtorità tad-Djar et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Jannar, 2009 u mtennija mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2011, li l-għan wara l-**artikolu 469A** huwa dak li jiġi mistħarreġ u eżaminat l-għemil amministrattiv mil-lenti ta' kondotta *contra ius*, *ultra vires* jew b'abbuż tal-poter. Suċċess f'azzjoni bħal din twassal għat-tħassir ta' dak id-deċiżjoni amministrattiva u għall-għoti ta' ħlas għad-danni mġarrba;

25. L-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** jipprovdi żewġ raġunijiet li fuqhom il-qorti tista' tistħarreġ għemil amministrattiv. Dawn huma meta l-għemil jikser il-**Kostituzzjoni ta' Malta** jew meta dak l-għemil ikun sar lil hinn mis-setgħa ta' min wettqu (*ultra vires*);

26. Illi fil-każ tagħna l-kumpannija rikorrenti mhijiex qiegħda tallega li l-għemil tad-Direttur Ġenerali konvenut mar kontra l-**Kostituzzjoni ta' Malta** iżda qiegħda tgħid li d-deċiżjoni tiegħu kienet *ultra vires*;

27. Il-liġi fl-**artikolu 469A(1)(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ssemmi erba' sitwazzjonijiet differenti fejn il-kunċett ta' *ultra vires* jew eċċess ta' setgħa jista' jiġi invokat. Dawn huma: (i) meta l-att isir minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata twettqu; (ii) meta l-awtorità, għalkemm ikollha s-setgħa twettaq dak l-għemil, tkun naqset milli tħares il-prinċipji ta' ġustizzja naturali jew milli tħares xi ħtieġa proċedurali li tabilfors trid tħares qabel ma tasal għal dak l-għemil; (iii) meta l-għemil jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa ta' dik l-awtorità billi jsir għal xi għan mhux xieraq jew fuq konsiderazzjoni irrilevanti; u (iv) meta dak l-għemil imur b'kull mod ieħor li jkun kontra l-liġi (ara ***Chairman tal-Kumpannija Public Broadcasting***

***Services Limited et v. Awtorità tax-Xandir et noe et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Settembru, 2002 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Jannar, 2003);

28. Lura għall-każ tagħna, il-kumpannija rikorrenti qiegħda tallega fir-rikors maħluf tagħha li d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali konvenut għandha titqies bħala *ultra vires* għal żewġ raġunijiet speċifiċi: fl-ewwel lok, għaliex din ittieħdet kontra l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, bi ksur tal-**artikolu 469A(1)(b)(ii)**, u fit-tieni lok, għaliex id-deċiżjoni tiegħu ttieħdet b'abbuż tal-poter għaliex ġiet meħuda għal għanijiet mhux xierqa jew għaliex issejset fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti skont l-**artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

29. Il-qorti ħa tibda billi tqis l-**ewwel raġuni** ta' *ultra vires* imqanqla mill-kumpannija rikorrenti, jiġifieri jekk fid-deċiżjoni tiegħu d-Direttur Ġenerali konvenut żammx mal-prinċipji ta' ġustizzja naturali;

30. Tajjeb li jingħad li l-**artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ma jipprovdilna l-ebda tifsira ta' x'jaqa' taħt il-prinċipji ta' ġustizzja naturali (ara dwar dan is-suġġett paġni 121 sa 123 tal-ktieb ***Judicial Review of Administrative Action in Malta*** tal-awtur **Tonio Borġ**). Madankollu dwar dawn il-prinċipji tal-ġustizzja naturali l-qrati tagħna taw indikazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' ġustizzja naturali u tal-ksur tagħha. Hekk pereżempju fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell *in re* ***Joseph Debono v. Phonica Systems Ltd***, tad-19 ta' Mejju, 2004, ġie mtenni illi l-prinċipju tal-ġustizzja naturali jnissel fih żewġ regoli tradizzjonali, dawk ta' *nemo judex in causa propria* u ta' *audi et alteram partem*;

31. Dan jinsab rifless ukoll fl-**artikolu 3(2)(a) tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva (Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta)**, li jgħid li l-prinċipji tal-ġustizzja naturali, jinkludu fihom l-kunċetti tan-*nemo judex in causa sua* u tal-*audi et alteram*

*partem*;

32. Intqal li «*mal-ewwel regola hu allaċjat il-prinċipju notorju ta' l-imparzjalità u allura tan-neċessità li mhux biss issir ġustizzja imma anke li jkun jidher manifest li ġustizzja qiegħda ssir.*» (ara ***Avv. Dr. Antonio Caruana v. Caterina Gerada***", Qorti Kostituzzjonali, 18 ta' Ottubru 1968). Fil-każ tat-tieni regola, din ħafna drabi tħaddan kwalsiasi materja ta' «*fair hearing*» u tal-prinċipju tal-«*equality of arms*» (***Antonio Sammut v. John Bell McCance***, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 29 ta' Mejju, 1946);

33. Mal-mogħdija taż-żmien, minbarra l-kunċetti tal-imparzjalità u tas-smigħ xieraq, il-ġurisprudenza daħlet fost il-prinċipji tal-ġustizzja naturali anke l-prinċipju tal-għoti tar-raġuni i.e. tal-motivazzjoni xierqa fid-deċiżjoni (ara ***Alfred Sant nomine v. Kummissarju tat-Taxxi Interni***, Appell, 4 ta' Marzu 1992 u ***Mary Zarb v. Emma Azzopard****i* deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2007);

34. Fil-każ tagħna, b'nota tal-**<u>5 ta' Lulju, 2021</u>** (ara paġna 171 tal-atti), il-kumpannija rikorrenti indikat li ż-żewġ prinċipji ta' ġustizzja naturali, li skont hi ma ġewx imħarsa mid-Direttur Ġenerali konvenut, huma dawk tal-*audi et alteram partem* u tan-nuqqas ta' motivazzjoni wara d-deċiżjoni tal-ġbid tal-garanzija bankarja;

35. Din il-qorti bla tidwir mal-lewża, tgħid li l-kumpannija rikorrenti għandha raġun fl-ilment tagħha li d-Direttur Ġenerali konvenut ma ħarisx dawn iż-żewġ prinċipji ta' ġustizzja naturali meta ddeċieda li jiġbed favurih il-garanzija bankarja;

36. Ibda biex, id-Direttur Ġenerali konvenut mexa ħażin ħafna, bi ksur tal-prinċipju tal-*audi et alteram partem*, meta huwa qabad u ddeċieda li jiġbed il-garanzija bankarja: (i) mingħajr ma għarraf minn qabel lill-kumpannija rikorrenti li hija kienet qiegħda tiġi investigata talli allegatament kissret xi liġijiet u r-regolamenti tas-sajd;

u (ii) mingħajr ma ħa ħsieb jisma' x'kellha xi tgħid il-kumpannija rikorrenti biex tiddefendi ruħha;

37. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Dr Fazal Hussain v. Kunsill Mediku*** deċiża fl-24 ta' Novembru, 2017, in-nuqqas li parti tingħata pre-avviż dwar id-dettalji tal-akkużi, ixellef l-opportunità lil dak li jkun milli jiddefendi lilu nnifsu b'mod xieraq, u dan bi ksur tal-prinċipju tal-*audi et alteram partem* (ara wkoll ***Mario Gerada v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April, 2017 u ***Paul Cassar v. Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Jannar, 2013);

38. Ġie mfisser mill-Qorti tal-Appell, fis-sentenza ***Paul Borg v. Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku*** maqtugħa fit-28 ta' Settembru, 2012, li

> *«il-prinċipji ta' ġustizzja naturali jirrikjedu li dak li jkun jingħata pre-avviż ta' dak imputat lilu, u li jingħata l-oppurtunità jipprepara l-każ tiegħu u jiddefendi l-posizzjoni li jrid jadotta. L-aġir tal-Awtorità konvenuta effettivament iċaħħad lill-attur mid-dritt li jħares b'mod xieraq l-interessi tiegħu. Fil-ktieb "**Administrative Law**" (**H.W.R Wade & C.F. Forsyth**, 10th Edit. Paġna 428), jinsab osservat li:*
>
> *"...a proper hearing must always include a 'fair opportunity' to those who are parties in the controversy for correcting or contradicting anything prejudicial to their view. Lord Denning has added: "If the right to be heard is to be a real right which is worth anything, it must carry with it a right in the accused man to know the case which is made against him. He must know what evidence has been given and what statements have been made affecting him: and then he must be given a fair opportunity to correct or contradict them." ... Disclosure of the charge or of the opposing case must be made in reasonable time to allow the person affected to prepare his defence or his comments. He must have fair notice of any accusation against him, and this is commonly inlcuded in the right to a fair hearing by calling it the right 'to notice and hearing."*

*Mhux meħtieġ li l-proċess ikun hekk formali li jsir jixbaħ dak li jseħħ quddiem tribunal ġudizzjarju, iżda hu meħtieġ li persuna akkużata b'kondotta mhux korretta titħalla tiddefendi ruħha.»*

39. Il-qorti tqis li dan kollu jgħodd għall-każ li għandha quddiemna. Tassew id-Direttur Ġenerali konvenut ma kienx amministrattivament u proċeduralment korrett meta qabad u ta d-deċiżjoni tiegħu, mingħajr ma avża minn qabel lill-kumpannija rikorrenti bil-fatt li hija kienet qiegħda tiġi mixlija bi ksur tal-liġi u tar-regolamenti tas-sajd u mingħajr ma taha l-possibilità li tressaq il-pożizzjoni u d-difiża tagħha. Id-Direttur Ġenerali konvenut għamel ħażin li ħasad għall-għarrieda lill-kumpannija rikorrenti bil-ġbid tal-garanzija. Il-prinċipji li jirregolaw l-imġieba amministrattiva kienu jitolbu min-naħa tiegħu, li qabel jiġbed il-garanzija bankarja, huwa kellu jġib għall-attenzjoni tal-kumpannija rikorrenti tal-fatt li hija kienet qiegħda tiġi investigata b'għemil li jmur kontra l-liġi u kif ukoll li jisma' din x'kellha xi tgħid dwar din l-allegazzjoni;

40. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza tagħna li biex awtorità pubblika titqies li tkun qdiet il-funzjoni tagħha kif suppost, huwa mistenni minnha li qabel ma tagħti deċiżjoni li tkun sejra tolqot ħażin lil xi ħadd, hija għandha l-ewwel tagħti l-opportunità lil dik il-persuna biex issemma' leħenha, u f'każ fejn dik il-persuna ma tkunx taf x'inhuma r-raġunijiet li wasslu lill-awtorità toħroġ l-ordni fil-konfront tagħha, l-awtorità għandha tagħti lil dik il-persuna l-opportunità xierqa li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha (ara ***Boris Arcidiacono et v. Salvu Schembri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Ġunju, 2013 u ***Rita Vella v. Tabib Prinċipali tal-Gvern et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta' Novembru, 2016);

41. Kif għidna d-Direttur Ġenerali konvenut m'għamel xejn minn dan qabel ma qatagħha li jieħu għalih il-€150,000 miżmuma għandu fil-forma ta' garanzija bankarja. Minbarra dan, fl-atti tal-kawża ma tressqet l-ebda raġuni fejjieda għaliex id-Direttur Ġenerali konvenut ma setax jistenna li jisma' lill-kumpannija rikorrenti

qabel ma jiġbed għalih il-garanzija bankarja. Il-qorti forsi setgħet tasal għall-konklużjoni differenti, li kieku intwera li l-allegat ksur tal-liġi jew tar-regolamenti tas-sajd min-naħa tal-kumpannija rikorrenti seħħ tant qrib id-data tal-iskadenza tal-garanzija bankarja, li ma kienx hemm żmien biżżejjed biex jingħata dan il-pre-avviż. Però xejn minn dan ma tressaq lill-qorti u mhux għall-qorti li toqgħod tistħajjel x'seta' ġara jew ma ġarax;

42. Li tista' tgħid il-qorti huwa biss, li mill-atti li tressqu quddiemha, jirriżulta b'mod ċar ħafna li bl-imġieba tiegħu d-Direttur Ġenerali konvenut ġie li kiser il-prinċipju tal-*audi et alteram partem* u dan iwassal għan-nullità tad-deċiżjoni tiegħu (ara ***Armando Tramontano v. Dragonara Casino Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju, 2007). F'din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell ġiet prodotta silta miktuba minn **Lord Wright** fil-kawża Ingliża, ***General Medical Council v. Spackman*** deċiża mill-*House of Lords* fl-1943, li tgħodd għall-każ tallum. Din is-silta tgħid hekk:

> *«If the principles of natural justice are violated in respect of any decision it is, indeed, immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision.»*

43. Illi terġa' u tgħid, l-imġieba amministrattiva ħażina tad-Direttur Ġenerali konvenut f'dan il-każ tkompli tikber għaliex mhux biss huwa ma tax l-opportunità lill-kumpannija rikorrenti tiddefendi lilha nfisha, iżda lanqas biss ma ħass il-bżonn li huwa jgħidilha b'liema mod huwa wasal għall-fehma tiegħu li hija kienet kissret il-liġi jew ir-regolamenti tas-sajd. Bilkemm hemm bżonn illi jingħad, persuna li tiġi misjuba ħatja fuq xi ħaġa, għandha tiġi mgħarrfa fuq liema bażi nstabet dik il-ħtija. Mhux biżżejjed għad-Direttur Ġenerali konvenut li jgħid fl-ittra tiegħu tal-15 ta' Frar, 2019 li huwa sab ksur u jieqaf hemm. L-affarijiet ma jsirux hekk. Dan aktar u aktar meta wieħed iqis li f'dan il-każ id-Direttur Ġenerali ġibed għalih is-somma mhux

żgħira ta’ €150,000;

44. L-għoti u t-tismija tar-raġunijiet li jkunu wasslu għal deċiżjoni amministrattiva huma għodda meħtieġa li biha wieħed jista’ jqis is-siwi ta’ dik id-deċiżjoni. Fuq is-saħħa ta’ dawk ir-raġunijiet, wieħed ikun jaf x’ikun wassal lill-awtorità biex tiddeċiedi kif iddeċidiet, x’qieset biex waslet għal deċiżjoni bħal dik u x’rimedju jista’ jkollu dwarha (ara ***Gaston Caruana v. L-Awtorità Maltija Dwar Il-Logħob*** deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta’ Marzu, 2020);

45. Naturalment fl-obbligu tiegħu li jipprovdi motivazzjoni, id-Direttur Ġenerali konvenut ma kellux għalfejn jikteb xi studju dettaljat imma kellu jindika biss: (i) x’kien l-għemil li minħabba fih il-kumpannija rikorrenti nstabet li kissret il-liġi u r-regolamenti tas-sajd; u (ii) fuq liema provi u konsiderazzjonijiet hu wasal għad-deċiżjoni tiegħu li seħħ tali ksur;

46. Iżda d-Direttur Ġenerali konvenut mhux talli ma għarrafx lill-kumpannija rikorrenti bil-motivazzjonijiet tiegħu fl-ittra tal-15 ta’ Frar, 2019, li permezz tagħha huwa ġibed il-garanzija bankarja, iżda lanqas biss ma indenja ruħu jipprovdi dawn ir-raġunijiet meta ġew mitluba lilu mill-kumpannija rikorrenti permezz ta’ ittra mibgħuta lilu, qabel il-ftuħ ta’ din il-kawża fid-19 ta’ Frar, 2019;

47. Biex jingħad kollox, din il-qorti kienet qiegħda tistenna li waqt il-ġbir tal-provi, id-Direttur Ġenerali konvenut jindika fuq liema bażi huwa sejjes is-sejbiet tiegħu ta’ ksur tal-liġi jew tar-regolamenti. Imma lanqas waqt il-kawża ma ġie provdut dan it-tagħrif. Huwa minnu li waqt is-seduta tat-8 ta’ Jannar, 2020, Randall Caruana, l-Aġent Direttur Ġenerali fid-Dipartiment konvenut li ħareġ l-ittra tal-15 ta’ Frar, 2019, xehed li dawn is-sejbiet kienu msejsa fuq riżultati ta’ investigazzjonijiet mwettqa mid-Dipartiment (ara paġna 33 tal-atti). Però dawn ir-riżultati ma ġewx imressqa fl-atti ta’ din il-kawża;

48. Fil-ħsieb tal-qorti, din l-imġieba ta' *nonchalance* min-naħa tad-Direttur Ġenerali konvenut ma tagħmillux wisq ġieħ u anzi tirrifletti ħażin ħafna fuqu. Mhux sew li d-Direttur Ġenerali konvenut iżomm għandu €150,000 mingħajr ma jagħti kont għaliex qed iżommhom. Il-mod ta' kif mexa d-Direttur Ġenerali konvenut f'din il-kawża mhijiex xbieha ta' governanza u amministrazzjoni tajba;

49. F'dan is-sens għalhekk il-qorti qiegħda tasal għall-fehma li d-Direttur Ġenerali konvenut tabilħaqq aġixxa *ultra vires*, bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali skont l-**artikolu 469A(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** meta ġibed il-garanzija bankarja mingħajr ma spjega r-raġunijiet tiegħu u mingħajr ma ta l-opportunità lill-kumpannija rikorrenti li tressaq il-pożizzjoni tagħha;

50. Jiġi b'hekk, li t-**tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjoni tad-Direttur Ġenerali konvenut**, safejn dawn jinftiehmu li qegħdin jgħidu li l-għemil amministrattiv tiegħu m'għandux jitqies bħala wieħed *ultra vires* qegħdin jiġu miċħuda;

51. Billi l-qorti sabet li l-proċedura li biha ttieħdet id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali konvenut kienet waħda ħażina, il-qorti mhijiex ħa tidħol biex tqis jekk id-deċiżjoni tiegħu ġietx meħuda għal għanijiet mhux xierqa jew jekk din ġietx imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti skont l-**artikolu 469A(b)(iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**. Huwa naturali li biex il-qorti tkun tista' tiddeċiedi jekk deċiżjoni kinitx raġonevoli jew le, hija trid tkun taf x'kienu r-raġunijiet wara dik id-deċiżjoni. Darba li f'dan il-każ, il-qorti hija sajma minn dawn ir-raġunijiet, hija ma tistax tistħarreġ jekk fis-sustanza tagħha d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali konvenut li jiġbed il-garanzija bankarja kinitx waħda tajba jew le;

52. Dan ifisser ukoll li din il-qorti qiegħda tastjeni milli tiddeċiedi l-**<u>ewwel talba tal-</u>**

**kumpannija rikorrenti** għaliex hija ma tistax tgħid jekk il-kumpannija rikorrenti kissritx jew le l-liġijiet u r-regolamenti tas-sajd. Min-naħa l-oħra però, il-qorti sejra tilqa' t-**tieni talba tagħha** li d-Direttur Ġenerali konvenut abbużivament ġibed il-garanzija bankarja minħabba li naqas milli jħares mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali tal-*audi et alterem partem* u tal-motivazzjoni fid-deċiżjoni;

53. Il-qorti sejra tgħaddi issa biex tqis it-**tielet u s-seba' talbiet tal-kumpannija rikorrenti** u s-**seba' eċċezzjoni tad-Direttur Ġenerali konvenut**;

54. Fit-tielet u s-seba' talbiet tagħha l-kumpannija rikorrenti qiegħda titlob lill-qorti sabiex tiddikjara u tikkundanna lid-Direttur Ġenerali konvenut iħallas lura l-ammont sħiħ tal-garanzija bankarja illi huwa ġibed. Min-naħa l-oħra, id-Direttur Ġenerali konvenut qiegħed jgħid fis-seba' eċċezzjoni tiegħu li din il-qorti m'għandhiex is-setgħa li tagħti r-rimedju mitlub mill-kumpannija rikorrenti u kulma tista' tagħmel huwa li tħassar biss id-deċiżjoni amministrattiva;

55. Id-Direttur Ġenerali konvenut jgħid sew fl-eċċezzjoni tiegħu li l-ġurisprudenza tgħallimna bħala prinċipju li l-qorti tista' tiddeċiedi li att tal-Eżekuttiv huwa null u bla effett, iżda li l-qorti m'għandhiex id-dritt li twettaq is-setgħat u d-diskrezzjoni mogħtija lid-dipartimenti governattivi (ara pereżempju s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell, ***Lawrence Borg nomine v. Gvernatur tal-Bank Ċentrali ta' Malta*** tad-9 ta' Marzu 2007 u ***Reginald Fava pro et noe v. Supretendent tas-Saħħa Pubblika et*** tal-11 ta' Mejju 2010);

56. Din il-qorti taf sew x'inhuma l-parametri tagħha f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv u beħsiebha li żżomm magħhom. Ifisser għalhekk li hija mhijiex sejra tiddeċiedi minflok id-Direttur Ġenerali konvenut;

57. Madankollu ladarba l-qorti sabet f'din is-sentenza li d-deċiżjoni tad-Direttur

Ġenerali konvenut ittieħdet bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali, dan għandu jwassal għat-tħassir tad-deċiżjoni tal-15 ta' Frar, 2019, li biha d-Direttur Ġenerali konvenut ġibed il-€150,000 mill-garanzija bankarja;

58. Bħalma ngħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Gaetano Vella v. Università ta' Malta*** deċiża fis-26 ta' Mejju, 2021, «*jekk kemm-il darba xi għemil amministrattiv jitħassar minn Qorti f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju, dak l-għemil jiġi daqs li kieku ma kien sar qatt u jista' jsir mill-ġdid b'mod legali u kif imiss*»;

59. Bit-tħassir tad-deċiżjoni tal-15 ta' Frar, 2019, il-kumpannija rikorrenti trid terġa' titqiegħed fl-istess qagħda li kienet qabel ma ntbagħtitilha dik l-ittra u għalhekk id-Direttur Ġenerali konvenut irid irodd lura l-€150,000 daqslikieku ma kien ġibidhom qatt;

60. Il-qorti tifhem u tapprezza li r-radd lura ta' dawn il-flejjes tista' tpoġġi f'diffikultà lid-Direttur Ġenerali konvenut li jerġa' jipprova jiġborhom, jekk kemm-il darba huwa jagħżel li jerġa' jagħti d-deċiżjoni tiegħu, wara li din id-darba jħares mal-prinċipji tal-ġustizzja naturali tal-*audi et alteram partem* u tal-għoti tar-raġunijiet. Tassew li l-garanzija bankarja llum spiċċat u għalhekk id-Direttur Ġenerali konvenut m'għandux aktar flus x'jaqbad, f'każ li huwa jerġa' jikkonferma, wara li jisma' l-pożizzjoni tal-kumpannija rikorrenti, li tabilħaqq seħħ ksur tal-liġijiet jew regolamenti tas-sajd. Madankollu kif jingħad fil-Latin, *adducere inconveniens non est solvere argumentum*. Wara kollox, din il-problema ħoloqha l-konvenut stess meta ta deċiżjoni li kienet proċeduralment ħażin u għalhekk mhux għall-qorti li toqgħod tipprovdilu soluzzjonijiet għall-imġieba proċedurali ħażina tiegħu;

61. F'dan is-sens għalhekk is-seba' eċċezzjoni tad-Direttur Ġenerali konvenut qiegħda tiġi miċħuda u t-tielet u s-seba' talba tal-kumpannija rikorrenti qiegħda tiġi milqugħa, b'dana għalhekk li l-konvenut qiegħed jiġi ddikjarat u kkundannat li

għandu jrodd lura l-ammont ta' €150,000 li ġibed mill-garanzija bankarja, ladarba d-deċiżjoni tiegħu li biha huwa ġibed dawk il-flus qiegħda tiġi dikjarata bħala nulla;

62. Ir-**raba' talba** tal-kumpannija rikorrenti hija biex din il-qorti tillikwida l-ammont li għandu jiġi mħallas lilha. Il-qorti tistqarr li din it-talba ma hija ċara xejn għaliex il-kumpannija rikorrenti ma tfissirx dwar fuq xiex għandu jkun hemm din il-likwidazzjoni;

63. Żgur li din it-talba ma tagħmilx riferenza għal-likwidazzjoni tad-danni allegatament imġarrba mill-kumpannija rikorrenti għaliex din taqa' fil-parametri tas-sitt talba tagħha;

64. Din il-qorti lanqas ma taħseb illi din it-talba hija marbuta mal-garanzija bankarja għaliex l-ammont tal-garanzija bankarja fis-somma ta' €150,000 joħroġ mill-kopja tal-garanzija bankarja stess li tinsab prodotta f'paġna 8 tal-atti. Għalhekk ma hemm xejn x'jiġi likwidat dwar ill-garanzija bankarja;

65. Minbarra dan, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, il-kumpannija rikorrenti ma semmiet xejn biex tipprova telućida moħħ il-qorti dwar x'likwidazzjoni hemm bżonn illi jsir b'rabta ma' din ir-raba' talba tagħha. Għalhekk fin-nuqqas ta' tagħrif ċar dwar f'hiex tikkonsisti din ir-raba' talba, din il-qorti m'għandhiex triq oħra ħlief illi tiċħadha;

66. Jonqos biss li jiġu deċiżi l-**ħames, is-sitt u t-tmien talbiet tal-kumpannija rikorrenti**, flimkien mat-**tmien u d-disa' eċċezzjonijiet tad-Direttur Ġenerali konvenut**. Dawn ilkoll jitkellmu dwar l-għoti tad-danni;

67. Fl-atti tal-kawża, il-kumpannija rikorrenti ma fissritx, barra mill-flus li tilfet mill-ġbid tal-garanzija bankarja, x'danni speċifiċi oħra ġarrbet minħabba d-deċiżjoni *ultra*

*vires* tad-Direttur Ġenerali konvenut. La dan ma sarx, il-kumpannija rikorrenti ma tistax tippretendi li jiġu likwidati u mħallsa d-danni. Wara kollox hi ġurisprudenza paċifika f'dan is-sens illi d-dikjarazzjoni ġenerali tad-danni mhijiex prova tal-eżistenza tagħhom, imma tfisser biss li l-konvenut hu responsabbli għad-danni jekk ikun hemm. Ara fost oħrajn, is-sentenza fl-ismijiet ***Kurunell Stephen Borg nomine et v. Joseph Schembri***, Prim' Awla, Qorti Ċivili, 28 ta' Jannar, 1965;

68. Kif intqal fis-sentenza ***Roland Schaffrath v. www. Travel TV p.l.c.*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Ġunju, 2001*,*

> *«f'kull kawża, l-attur irid jipprova l-każ tiegħu u dan fi grad xieraq kif imfisser fir-regoli ewlenin tal-liġi tal-proċedura u skond il-ħaqq. Attur ma jistax ineħħi minn fuqu dan l-obbligu billi jappella għas-sens ta' ħniena jew dehen arbitrali tal-ġudikant mingħajr ma jagħti ħjiel ta' prova ta' dak li jitlob»;*

69. F'dawn iċ-ċirkostanzi, żgur mhux il-każ li din il-qorti għandha għalfejn tuża s-setgħa diskrezzjonali tagħha,

> *«sabiex tillikwida somma fuq is-saħħa ta' xi eżerċizzju ekwitattiv, għaliex huwa ben paċifiku fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna illi l-likwidazzjoni ekwitattiva għandha tiġi applikata meta jkun diffiċli li mill-provi akkwiżiti wieħed jistabilixxi preċiżament dak li huwa dovut, u mhux meta ma tressqu ebda provi kwalsiasi»* – ***Jacqueline sive Jacoba Camilleri v. Joseph Camilleri***, Appell Superjuri tat-2 ta' Marzu 2018;

70. F'dan il-każ, il-kumpannija rikorrenti ma ressqet l-ebda prova biex tfisser x'danni ulterjuri ġarrbet apparti l-flus li tteħdulha bil-ġbid tal-garanzija bankarja;

71. La dan hu hekk, il-**ħames, is-sitt u t-tmien talbiet tal-kumpannija rikorrenti** ma jistgħux jintlaqgħu. Fl-istess waqt minħabba nuqqas ta' provi, qegħdin jiġi milqugħa t-**tmien u d-disa' eċċezzjoni tad-Direttur Ġenerali konvenut**;

72. Dwar l-**<u>imgħax</u>** mitlub mill-kumpannija rikorrenti, il-qorti tħoss li dawn huma mistħoqqa illi jinġabru fuq is-somma ta' €150,000, li nżammu mid-Direttur Ġenerali konvenut b'mod *ultra vires*. Bit-tħaddim tal-**artikoli 1139** u **1141(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, il-qorti ħa timxi fuq ir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena, li għandhom jibdew jiġru minn dakinhar illi saret is-sejħa għar-radd lura tagħhom b'att ġudizzjarju;

73. Jirriżulta li l-kumpannija rikorrenti ppreżentat ittra uffiċjali fid-9 ta' Mejju, 2019 u skont il-programm *ecourts*, din ġiet milqugħa mid-Direttur Ġenerali konvenut fil-15 ta' Mejju, 2019. Għalhekk l-imgħax fuq is-somma ta' €150,000 għandu jitlaq minn din l-aħħar ġurnata;

74. Fl-aħħar nett, dwar l-**<u>ispejjeż ġudizzarji li baqgħu x'jiġu deċiżi wara s-sentenza preliminari tal-25 ta' Marzu, 2021</u>**, il-qorti tqis li b'din is-sentenza hija sejra tiddisponi mit-tmien talbiet tal-kumpannija rikorrenti: (i) billi tilqa' tlieta minnhom; (ii) billi tastjeni minn waħda minnhom; u (iii) billi tiċħad l-erba' l-oħra;

75. Għalhekk bit-tħaddim tal-**artikolu 223(3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u fuq il-bażi tal-kunċett tar-rebħ u tat-telf, il-qorti tħoss li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha marbuta ma' din is-sentenza;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjoni tad-Direttur Ġenerali konvenut għaliex il-qorti waslet għall-fehma li l-kumpannija rikorrenti

seħħilha turi li d-deċiżjoni tal-15 ta' Frar, 2019 kienet tabilħaqq proċeduralment *ultra vires*, bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;

ii. **<u>Tastjeni</u>** milli tqis l-ewwel talba tal-kumpannija rikorrenti għaliex id-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali konvenut instabet li hija *ultra vires* għar-raġunijiet marbuta ma' proċedura u mhux għar-raġunijiet marbuta ma' sustanza, b'dana għalhekk li l-qorti mhijiex sejra tidħol fuq il-kwistjoni dwar il-mertu ta' jekk il-kumpannija rikorrenti kissritx il-liġijiet li jirregolaw is-sajd jew le;

iii. **<u>Tilqa'</u>** t-tieni talba tal-kumpannija rikorrenti u tiddikjara li d-deċiżjoni tal-15 ta' Frar, 2019 meħuda mid-Direttur Ġenerali konvenut kienet *ultra vires*, bi ksur tal-**artikolu 469A(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** għaliex din id-deċiżjoni ttieħdet minnu mingħajr ma spjega r-raġunijiet tiegħu u mingħajr ma ta l-opportunità lill-kumpannija rikorrenti li ssemma' leħenha dwar il-kwistjoni;

iv. **<u>Tilqa'</u>** t-tielet u s-seba' talbiet tal-kumpannija rikorrenti u b'hekk tiddikjara u tikkundanna lid-Direttur Ġenerali konvenut biex irodd lura lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' €150,000 li ġibed mill-garanzija bankarja, bl-imgħax bit-8% fis-sena, li jibda mid-data tan-notifika tal-ittra uffiċjali fil-15 ta' Mejju, 2019 sad-data tal-ħlas effettiv, u dan minħabba li d-deċiżjoni li permezz tagħha huwa ġibed dawk il-flus ma kinitx tiswa skont il-liġi peress li nstab li din ingħatat b'mod *ultra vires,* bi ksur tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali;

v. **<u>Tiċħad</u>** ir-raba', il-ħames, is-sitt u t-tmien talbiet tal-kumpannija rikorrenti għaliex ma nġabux provi li l-kumpannija rikorrenti ġarrbet danni oħra, barra t-telf tal-flus li kienu suġġetti għall-garanzija bankarja u għalhekk f'dan is-sens qiegħda **<u>tilqa'</u>** t-tmien u d-disa' eċċezzjonijiet li d-Direttur Ġenerali konvenut m'għandu jħallas l-ebda danni oħra minħabba d-deċiżjoni tiegħu tal-15 ta' Frar, 2019;

Fl-aħħar nett, il-qorti qiegħda **tordna** illi l-ispejjeż tal-kawża, kif deċiżi minn din il-qorti bis-sentenza tal-25 ta' Marzu, 2021 għandhom jibqgħu l-istess, filwaqt li l-bqija tal-ispejjeż għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet u dan għaliex nofs it-talbiet tal-kumpannija rikorrenti qegħdin jiġu miċħuda;

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**